PLURIBUS PARENS

# Rapport Amministrattiv

## Minn Jannar sa Diċembru 2022

## U

# Pjan ta' Attività

## għas-sena 2023

Il-Kunsill huwa magħmul mis-Sindku Dr. Marija Sara Vella, il-Viċi Sindku s-Sur John Mary Calleja u l-Kunsilliera s-Sur Mark Anthony Sammut (Jan – Apr), is-Sur Stefan Caruana, Audrey Amri Brincat (Aww – Diċ) u s-Sinjorina Marija Micallef.

Il-Kunsill jiffunzjona billi kull Kunsillier ikollu xogħlijiet fdati lilu fid-dekasteri rispettivi u flimkien ma' kunsilliera oħra jaħdmu flimkien sabiex b'hekk il-Kunsill iwettaq il-missjoni u l-għanjiet li għalihom ġie mwaqqaf il-Kunsill. (Ara l-lista tad-dekasteri hawn annessa u mmarkata Dok A).

Il-Kunsilliera kollha jipparteċipaw bi sħieħ fil-laqgħa tal-Kunsill li wieħed jista' jsegwi fuq il-live streaming.

Il-Kunsill huwa impenjat sabiex kull deċiżjoni tiġi meħuda qrib ir-residenti u għall-ġid komuni tal-istess residenti.

Il-Kunsill juri li l-bniedem huwa fiċ-ċentru ta' kull attività u azzjoni li tiġi mwettqa mill-Kunsill.

Bħala organu ewlieni tat-twettiq tal-amministrazzjoni pubblika, il-Kunsill jagħmel dak kollu possibbli sabiex kull resident tal-Gudja dejjem jikseb ħajja aħjar.

Il-Kunsill jagħmel dak kollu possibbli sabiex iħaddem sistema ta' amministrazzjoni pubblika li tkun trasparenti u li taħdem bl-anqas burokrazija possibbli.

Il-Kunsill jara li jwieġeb għall-ħtiġijiet tar-residenti bl-aħjar mod u fl-aqsar ħin possibbli. Fejn ikun hemm bżonn il-Kunsill ifittex l-għajnuna u l-koperazzjoni ta' entitajiet u awtoritajiet oħra li jistgħu jkunu involuti sabiex jgħinu fil-ħtiġijiet tar-resident. Xi kultant dan jieħu xi żmien iżda l-Kunsill, permezz tal-amministrazzjoni tiegħu, jkompli jassisti lir-resident sakemm jinqeda kif ikun possibbli u meħtieġ fil-parametri tal-liġi u tas-servizz provdut.

Matul is-sena 2022, il-Kunsill Lokali tal-Gudja, l-amministrazzjoni tal-Kunsill kienet magħmula minn tlett impjegati: Segretarju Eżekuttiv, Assistent Prinċipal u Uffiċjal Eżekuttiv fejn dejjem raw li s-servizz mogħti mill-Kunsill jkun wieħed tajjeb effiċjenti lejn ir-residenti.

Il-Kunsill huwa magħruf dwar kemm jitlob l-għajnuna tal-awtoritajiet u dipartimenti konċernati kif ukoll tad-diversi ministeri tal-Gvern Ċentrali u dwar dan il-Kunsill tal-Gudja huwa magħruf kemm jibqa' jinsisti sakemm jikseb dak li jkun ġust u mistħoqq. Dan mhux dejjem ikun faċli iżda l-Kunsill għandu l-grinta li jinsisti sabiex jikseb dak meħtieġ anke jekk dan jieħu xi żmien. Matul is-sena 2022 il-Kunsill għamel u kellu diversi laqgħat mal-awtoritajiet fosthom Infrastructure Malta, Dipartiment tax-Xogħljiet Pubbliċi. F'dawn il-laqgħat il-Kunsill wera li huwa dinamiku u li ma jżommx lura milli jirsisti sabiex tinstab soluzzjoni fejn jidħlu l-ħtiġijiet u x-xewqat tar-residenti tal-Gudja. Għall-Kunsill il-ħtiġijiet tar-residenti għandhom jingħataw prijorità.

Dan ir-rapport amministrattiv huwa komprensiv u ma nistgħux insemmgħu bid-dettal dak kollu li wettaq il-Kunsill matul is-sena 2022.

Nibdew biex nagħtu ħarsa dwar dak li twettaq fis-sena 2022 dwar it-toroq. Il-Kunsill bl-għajnuna ta` Infrastructure Malta għamel diversi xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq toroq u bankini, ffriskar ta` sinjali ta` traffiku madwar il-Gudja matul is-sena 2022. Matul is-sena 2022, Infrastructure Malta għamel xogħlijiet infrastrutturali fit-toroq rurali. Matul din is-sena tlestew ukoll ix-xogħlijiet ta` pavimentar fi Triq Santa Katerina, Triq J.Pace u Triq id-Dejqa. Il-materjal li ntuża huwa materjal vulkaniku li jagħti dehra mill-isbaħ lill-ambjent tal-qalba tal-Gudja.

Matul is-sena 2022 il-Kunsill Lokali tal-Gudja applika għal fondi tal-Ewropa taħt il-Miżura 4.3 sabiex isiru xogħlijiet ta` infrastruttura fit-toroq rurali fil-Gudja. Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ser ikun qed jibbenifika minn dawn il-fondi biex isiru dawn ix-xogħlijiet fit-toroq rurali fil-Gudja biex jitgawdew mill-bdiewa u minn kull min jagħmel użu minn dawn it-toroq. Matul din is-sena l-Kunsill nstalla diversi tabelli ta` traffiku madwar il-lokalita fejn kien il-bżonn. Wara diversi talbiet li saru mir-residenti, saru diversi installazzjonijiet ta` road humps għas-sigurta tas-sewwieqa u għal min ikun qiegħed jagħmel użu mit-triq.

Matul is-sena 2021, l-Kunsill Lokali tal-Gudja applika SPI.SCI.2021 Finanżjament għall-Żvilupp u titjib fil-Kundizzjonijet tal-Playing Fields fil-Lokalitjiet f`Malta u Għawdex, fejn fis-2022, il-Kunsill għamel ix-xogħlijiet kollha relatati mat-tisbiħ tal-bandli ta` Ġnien R.Caruana fejn ġew installati bankijiet u bins ġodda, ġew installati bandli ġodda u saru xi manutenzjonijiet meħtieġa oħra.

Matul din is-sena saru wkoll xi xogħlijiet ta` żbir ta` siġar, fejn dawn ix-xogħlijiet mistennija jibgħqu għaddejin anke fis-sena 2023. Tħawwlu wkoll xi pjanti ġodda fil-Ġnien Raymond Caruana.

Il-Kunsill għamel diversi tentattivi sabiex jikseb art u jiżviluppa l-bini għall-amministrazzjoni u faċilitajiet oħra li jkunu xierqa u aċċessibbli għal kulħadd. Matul is-sena 2022 il-Kunsill kompla jiddiskuti ma` bosta entitajiet u Ministeri sabiex jgħinu lill-Kunsill jibni binja tal-Kunsill fil-Ġnien Raymond Caruna u jiġi riġenerat il-kumplament tal-ġnien.

Wara diversi talbiet li l-Kunsill għamel mall-Gvern Ċentrali sabiex isir tisbiħ fil-pjazza ta` quddiem il-kapella ta` Loretu, il-Ministeru tax-Xogħlijiet Pubblici laqa` din it- talba u matul dis-sena sar ix-xogħol ta` pavimentar, fejn ingħatat dehra ġdida u isbaħ lil din iż-żona, kif jixraqielha tkun.

Il-Kunsill kompla jagħmel dak kollu possibbli sabiex jieħu ħsieb l-ambjent fid-diversità tiegħu kemm ġewwa l-Gudja kif ukoll fl-inħawi tal-madwar. Ix-xogħol dwar l-ambjent tant huwa vast u jista' jieħu sal-ġbir tal-iskart organiku, ġbir ta' skart ieħor, separazzjoni tal-iskart u riċiklaġġ, kif ukoll attenzjoni dwar l-arja nadifa, żvilupp ta' proprjetà kif ukoll il-livell tal-ħsejjes kemm fil-Gudja u fil-madwar. Matul is-sena 2022 il-Kunsill xtara numru ta` litter bins fejn dawn tweħħlu

f`żoni differenti tal-lokalita. Fis-sena 2022 bl-għajnuna ta` Refab Malta giet installata bin ġdid sabiex wieħed jkun jista` jiddisponi minn żejt użat.

Matul din is-sena 2022 ġew installati wkoll bankijiet ġodda fi Triq il-Palazz u kif ukoll ġew ordnati bankijiet ġodda għal Qalb ta` Gesu.

Matul is-sena 2022 ġiet insatallata *plastic reverse vending machine* fuq il-Ġibjun ta` Xlejli, fejn kull min ikun jixtieq jiddisponi mill-flixken tal-plastik jagħmel użu minn din il-magna.

Il-Kunsill ħadem ukoll mal-Awtorità tad-Djar u saru xogħlijiet ta' manutenzjoni estensiva fil-blokok ta' appartamenti t'Tal-Mitħna.

Il-Kunsill kien protagonista fejn jidħol l-aspett kulturali kif ukoll l-għarfien ta' postijiet u siti ta' wirt storiku li din il-lokalità tal-Gudja tħaddan. Dawn kienu materjalizzati billi l-Kunsill kompla jaħdem fuq ir-rotta kulturali (Heritage Trail) li nħolqu madwar il-Gudja.

Il-Kunsill kompla jżomm għajnejh fuq il-proġett approvat tal-estenzjoni tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Il-Kunsill jara li dan il-proġett massiv ma jkollux impatt negattiv fuq il-Gudja b'mod ġenerali u l-ħajja tar-residenti tal-Gudja għandha tiġi mħarsa minn kull aspett.

Dan il-proġett issa kompla fil-bini ta' parkeġġ li sejjer jesa' madwar 1000 vettura. Fiċ-ċirkustanzi preżenti dwar il-parkeġġ ġewwa l-Gudja, il-Kunsill diġà beda jikkonsidra li r-residenti tal-Gudja b'xi mod jew ieħor jiksbu benefiċċju kif ikun possibbli u negozjat mal-MIA.

Il-Kunsill iżomm djalogu kontinwu mal-Paroċċa u l-NGO's kollha fil-Gudja. Dan joffri ħafna opportunijiet li jistgħu jgawdu minnhom in-nies kollha tal-Gudja. Il-Kunsill dejjem jara kif bil-koperazzjoni u l-ħidma konġunta mal-NGO's b'mod ewlieni l-baned ġewwa l-Gudja, jinkiseb il-ġid massimu fl-aħjar interess tar-residenti kemm jekk tfal, żgħażagħ, adulti u anzjani.

Il-Kunsill jixtieq jerġa' jtenni t-talba tiegħu sabiex jiġi stabbilit Day Centre fejn l-anzjani jkunu jistgħu jingħataw tagħlim u tagħrif dwar saħħa fiżika u mentali, iġene, storja, kultura u affarijiet oħra utili sabiex anke l-anzjani tagħna jkunu jistgħu jkollhom ħajja denja li tixirqilhom.

Dawn ix-xogħlijiet ta' fejda sejrin ikomplu jżidu mal-Heritage Trail madwar il-Gudja li jkun jista' jitgawda mir-residenti tal-Gudja u tant oħrajn kif ukoll jagħtu aċċess xieraq lil tant bdiewa li jaħdmu l-għelieqi f'dawn l-inħawi.

Fis-sena 2020, il-Kunsill Lokali tal-Gudja applika għall-fondi ewropej taht Mizura 4.4 *Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali 2014-2020* sabiex jiġu rranġati diversi ħitan tas-sejjieħ fi Triq Santa Marija, Vjal l-Avjazzjoni u Dawret il-Gudja. Il-Kunsill ibbenifika minn fond ta` €131,937.22, Lejn l-aħħar ta` sena 2021, il-Kunsill beda xogħlijiet fuq il-ħitan tas-sejjieħ li jinsabu fi Ġnien il-Qari u xogħlijiet tkomplew fis-sena 2022 fi Triq Ħal-Safi/Triq il-Kappella.

Il-Kunsill kien il-mezz li żgħażagħ mill-Gudja setgħu jibbenefikaw minn fondi dwar *youth exchanges* u jsifru f'pajjiżi oħra. Dan jgħin bil-bosta fl-iżilupp taż-żgħażagħ li kieku ma jkunx għall-Kunsill ma jkunux jistgħux jiksbu din l-esperjeza tant siewja għall-ħajja futura tagħhom.

Matul is-sena 2020, bl-għajnuna ta` aġenzija Ace20 applika għall-proġett bl-isem *YOUNITED-YOuth UNited In The European Development*, fejn dan ġie approvat mill-Unjoni Ewropeja. Minħabba sitwazzjoni tal-pandemija, l-attivitajiet relatati ma` dan il-proġett ma segħtux isiru u għalhekk fis-sena 2022, il-Kunsill Lokali tal-Gudja ospita sebgħa (7) entitajiet minn sitt pajjizi differenti fl-Ewropa; fosthom l-Italja, Greċja, Latvja. Għal dawn il-konferenzi ġew mistiedna is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni, Onor. Keith Azzopardi, kelliema żgħażagħ mill-Gudja, kelliema mill-Malta Enterprise u mill-kumpanija Jobsplus. Matul il-ġranet li dawn id-delegazzjonijiet għamlu ġewwa pajjiżna, kellhom l-opportunita li jaraw diversi postijiet ta` interess. Matul il-konferenzi li saru fil-Forti Sant`Anġlu, ġew diskussi diversi temi relatati mas-sitwazzjoni ta` mpjiegi fost iż-żgħażagħ fil-pajjiżi kkonċernati. Il-Kunsill Lokali tal-Gudja flimkien mas-sebgħa kunsilli l-oħra iffirmaw patt ta` ħbiberija li dan ser iwassal biex fil-futur isir ħidma oħra għal ġid komuni ta` kulħadd.

Matul din is-sena, il-Kunsill attenda għal waħda mill-konferenzi tal-Proġett TOPS – Together in Order to Promote Solidarity, li l-Kunsill Lokali tal-Gudja huwa msieħeb fih. Żewġ rappreżentanti mill-Kunsill attendew għal din il-konferenza ġewwa Ċipru bejn l-1 u l-5 ta` Diċembru 2022 fejn flimkien ma` delegazzjonijiet oħra tkellmu dwar l-EU policies u sitwazzjoni tal-Ewropa fil-preżent.

Fis-sena 2022 il-Kunsill Lokali tal-Gudja applika għal diversi skemi kemm ma` DLG, AKL u kif ukoll mar-Reġjun, fejn l-Kunsill ibbenifika minn skema finanzjarja għall-korsijiet ta` tagħlim tul il-ħajja u kif ukoll minn skema finanzjarja għal żvilupp ta` libreriji reġjonali u ċentrali tal-komunita. Matul is-sena 2022, il-Kunsill Lokali tal-Gudja applika wkoll għal diversi korsijiet li jiġu organizzati mid-Direttorat tal-Life Long Learning, fejn fis-sena 2022 ġew organizzati l-korsijiet tal-biżilla, tal-hjata, ganutell u tal-lingwa Spanjola fiċ-Ċentru Parrokjali. Il-Kunsill beħsiebu jkompli jaħdem sabiex jikseb il-progress meħtieġ f'dan il-qasam u għal darba oħra joffri t-tagħlim ta' matul il-ħajja liema tagħlim huwa għal qalb tal-Kunsill kif ukoll għar-residenti tal-Gudja.

Matul is-sena 2022, il-Kunsill Lokali tal-Gudja ra li jinvesti ammont ta` flus fuq kotba għall-librerija pubblika, fejn ntefqu madwar elf ewro fuq kotba varji għall-etajiet differenti.

Matul din is-sena, il-Kunsill flimkien mall-ko-ordinatur ta` Skola Sajf tellghu ativita gol-Librerija Pubblika billi tfal kollha tal-primarja kellhom l-opportunita juzaw il-VR Kit, fejn raw diversi xenarji sbieħ ta` annimali u s-sistema solari, liema suġġetti ġew diskusi matul il-lezzjonijiet.

Matul is-sena 2021, il-Kunsill kien applika għall-fondi tal-LESA sabiex isir proġett fejn il-Palazz ta`Bettina. Il-Kunsill ibenifika minn tmenin elf ewro sabiex proġett ta` open air gym u post ta` rilissament. Matul is-sena 2022 il-Kunsill flimkien mall-awtoritajiet kompetenti baqa` jaħdem biex jinġiebu l-permessi meħtieġa sabiex ikun jista` jingħata bidu għal dan il-proġett.

Matul is-sena 2022 il-Kunsill Lokali tal-Gudja applika għal diversi fondi u skemi li ħarġu minn diversi entitajiet sabiex il-Kunsill ikun f`pozizzjoni finanzjarja aħjar biex ikun jista` jwettaq aktar proġetti fil-lokalita. Fost dawn l-iskemi il-Kunsill applika u ser jibbenifika minn fondi taħt Skema għall-Lokalitajiet Sostenibbli u Skema għall-Proġetti Kapitali. B`dawn il-fondi, il-Kunsill ser ikun qiegħed jinvesti fil-pjazza tal-Gudja fejn ser isir proġett ta` pavimentar mad-dawra kollha tal-Knisja u quddiem iż-żewġ każini tal-festi.

Fost l-isfidi li ħadem qatigħ dwarhom il-Kunsill, hemm dik tal-parkeġġ ġewwa l-Gudja. Ta' kuljum il-Kunsill jirċievi ilmenti mingħand ir-residenti li mhux qed isibu jipparkjaw l-vetturi tagħhom speċjalment wara li jirritornaw lejn djarhom mill-ħidma tagħhom ta' kuljum. Il-Kunsill għamel diversi tentattivi sabiex jikseb approvazzjoni dwar residential parking. Il-Kunsill approva

mozzjoni sabiex jagħmel bye-law dwar parkeġġ b'ħin limitat li għalkemm il-Kunsill ħadem dwar din il-bye-law bl-assistenza legali u professjonali, il-Kunsill għadu ma kisibx l-approvazzjoni finali sabiex din il-bye-law tidħol fis-seħħ.

Dwar dan il-Kunsill kellu diversi laqgħat ma` awtoritajiet kkonċernati bil-għan li jinkiseb progress u soluzzjoni xierqa mill-aktar fiss possibbli għaliex il-Kunsill jemmen li r-residenti tal-Gudja għandhom jiġu trattati bħal lokalitajiet oħra speċjalment meta l-Gudja saret il-parkeġġ b'xejn għal bosta li jiffrekwentaw l-MIA. Il-Kunsill qed jaħdem sabiex issir proġett ta` parkeġġ biex itaffi minn din il-problema.

Matul is-sena 2022, il-Kunsill organizza ħarġa għall-Jum l-Omm, fejn ghal din l-attivita` attendew diversi ommijiet u fejn il-Kunsill tah rigal żgħir għal kull min attenda. Matul din is-sena l-Kunsill kien organizza ħarga għall-Għawdex fl-okazzjoni ta` Jum il-Gudja, fejn sfortunatament kellha tiġi kkanċellata minħabba sitwazzjoni li l-Kunsill ma kellhux kontroll fuqha. Għal festi tal-Milied, il-Kunsill organizza *buffet breakfast* għar-residenti kollha, fejn ingħata wkoll rigal żgħir lil kull min attenda.

Matul is-sena 2022, il-Kunsill Lokali tal-Gudja flimkien mall-Baruni tal-Palazz ta` Bettina organizza open day għar-residenti Gudjani biex iżuru l-Palazz. Għal din l-open day, il-konkorenza kienet waħda kbira imma sfortunatament il-postijiet kienu limitati. Minħabba problema fit-temp din il-ħarġa kulturali kellha tiġi posposta imma ser tinstab data oħra fi żmien qasir. Il-Kunsill ser jibqa` f'diskussjoniji mall-Baruni sabiex naraw li jkun hemm open days oħra sabiex dawk kollha li wrew interess, kollha jkollhom l-opportunita li jżuru dan il-Palazz.

Permezz ta` skema relatata mall-Attivitajiet tal-Milied, il-Kunsill ibbenifika minn fondi sabiex jorganizza l-attivita ta` Milied ta` Dari matul iż-żminijiet tal-Milied. Il-Kunsill flimkien mall-għaqdiet tal-lokal organizza diversi attivitajiet bejn is-16 u 19 ta` Diċembru 2022 kemm għar-residenti u kif ukoll għal dawk kollha minn barra raħal.

Matul din is-sena, għall-ewwel darba saru tiżjin fit-toroq matul iż-żminijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa billi l-għaqdiet tal-lokal żejnu bi slaleb mat-toroq tal-Gudja.

Matul is-sena 2022, il-Kunsill Lokali tal-Gudja nhiedi żewġ kompetizzjonijiet waħda fi żmien ta` Jum il-Gudja u kompetizzjonijiet oħra fi żmien il-Milied.

Għall-okazzjoni ta` Jum il-Gudja, l-Kunsill stieden lill-għaqdiet sabiex jipparteċipaw fil-quddiesa li ġiet mħejjieja għall-okazzjoni u wara għaċ-ċerimonja ta` Jum il-Gudja, fejn ngħataw diversi rikonoxximenti. Dawn l-attivitajiet kienu parti mill-attivitajiet ta` Lejla Sajfija li ġew organizzati matul il-weekend mill-għaqdiet tal-Knisja u għaqdiet taż-Żgħażagħ.

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ppartecipa wkoll fl-inizjattivi relatati mall-kampanja ta` *Pink October, Autism Awarness Day, LGBTIQ Right Movement* u fil-Jum Dinji tad-Donaturi ta` Demm, fejn inxtellgħet il-faċċata tal-binja amministrattiva tal-Kunsill.

Is-suġġett dwar il-konfini tal-Gudja speċjalment dwar l-inklużjoni tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta jiġi uffiċjalment inkorporat fil-konfini tal-Gudja huwa kontinwament fuq l-aġenda tal-Kunsill. Il-Kunsill jinsab solidali dwar dan. Saru diversi laqgħat (kemm formali u anke informali) ma' kull min jista' jkun konċernat f'din il-materja. Dan l-aħħar il-Kunsill jinsab infurmat li dan is-suġġett jinsab quddiem il-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali għad-direzzjoni u azzjoni meħtieġa.

Għalkemm xi laqgħat mal-awtoritajiet isiru f'ħinijiet tax-xogħol, il-Kunsilliera jagħmlu dak kollu possibbli li jkunu preżenti flimkien mas-Sindku waqt dawn il-laqgħat. Wara li jseħħu dawn il-laqgħat ma' entitajiet u awtoritajiet u ministeri kif ikun meħtieġ, is-Sindku, waqt il-Kommunikazzjonijiet tiegħu fil-laqgħa tal-Kunsill, jinforma lill-Kunsill, u allura lill-Kunsilliera preżenti, dwar l-eżitù tal-laqgħat rispettivi.

Ħidma tal-Kunsill Lokali tal-Gudja tinkorri l-finanzi pubbliċi u għalhekk il-Kunsill jaġixxi bil-galbu meħtieġ.

Il-ħsibijiet tal-baġit għas-sena 2023 gew diskussi u mqegħda għall-approvazzjoni tal-pubbliku waqt il-laqgħa ta` nhar it-Tlieta 6 ta` Dicembru 2022 biex il-Kunsill ikompli juri li qed jaħdem bi struttura u strateġija ċara fil-qafas finanzjarju skont il-liġi u li dan il-baġit kif propost jilqa' għall-ħtiġijiet u xewqat tar-residenti tal-Gudja li l-istess Kunsill Lokali ġie elett sabiex jirrappreżenta.

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja dejjem jagħmilha ċara u jisħaq li l-laqgħa mar-residenti mhix ta' darba fis-sena biss skont il-liġi iżda l-Kunsill iħaddem 'open door policy' u kull resident, hu min hu u hi min hija, tista' tersaq għand il-Kunsill b'kull mezz possibbli sabiex tikseb l-għajnuna u solidarjetà. Hija fil-missjoni tal-Kunsill li kontinwament joffri spalla u wens kull waqt u fil-ħin fejn u meta jkun meħtieġ.

Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera kollha kif ukoll l-amministrazzjoni tal-Kunsill jixtiequ jirringrazzjaw lir-residenti kollha għall-koperazzjoni u l-apprezzament tagħhom għall-ħidma tal-Kunsill.

Dr. Marija Sara Vella Gafà
Sindku

Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv